By the present, No Deposit Cars Malta Limited (C 85780) of Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan (hereinafter referred to as the company), is hereby executing and enforcing the following bills of exchange, which bills of exchange are of the total amount of €2,880 (a copy of which bills of exchange is being herein attached and marked as Doc. 1) which bills of exchange have been issued by the respondent and which bills of exchange have been signed by virtue of the Hire and Purchase agreement dated 29th August, 2019, between the parties (a copy of which is being herein attached and marked as Doc. 2) and are as follows:

1. Il-kambjala numru 2 fl-ammont ta' €480.00 maħruġa mill-intimat favur il-mittent, liema kambjala skadiet fid-29 ta' Settembru, 2019, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

1. Bill of exchange number 2 in the amount of €480 issued by defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 29th September, 2019, and which sum has to date not been paid;

2. Il-kambjala numru 3 fl-ammont ta' €480.00 maħruġa mill-intimat favur il-mittenti, liema kambjala skadiet fid-29 ta' Ottubru, 2019, u liema somma sallum baqgħet ma tħallsitx;

2. Bill of exchange number 3 in the amount of €480 issued by defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 29th October, 2019, and which sum has to date not been paid;

3. Il-kambjala numru 4 fl-ammont ta' €480.00 maħruġa mill-intimat favur il-mittenti, liema kambjala skadiet fid-29 ta' Novembru, 2019, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

3. Bill of exchange number 4 in the amount of €480 issued by defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 29th November, 2019, and which sum has to date not been paid;

4. Il-kambjala numru 5 fl-ammont ta' €480.00 maħruġa mill-intimat favur il-mittenti, liema kambjala skadiet fid-29 ta' Diċembru, 2019, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

4. Bill of exchange number 5 in the amount of €480 issued by defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 29th December, 2019, and which sum has to date not been paid;

5. Il-kambjala numru 6 fl-ammont ta' €480.00 maħruġa mill-intimat favur il-mittenti, liema kambjala skadiet fid-29 ta' Jannar, 2020, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

5. Bill of exchange number 6 in the amount of €480 issued by defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 29th January, 2020, and which sum has to date not been paid;

6. Il-kambjala numru 7 fl-ammont ta' €480.00 maħruġa mill-intimat favur il-mittenti, liema kambjala

6. Bill of exchange number 7 in the amount of €480 issued by defendant in favour of the company, which bill of

skadiet fid-29 ta' Frar, 2020, u liema somma sal-um baqgħet ma tħallsitx.

Din l-ittra uffiċjali qiegħda tigi notifikata lilek ai termini tal-Artikou 253e tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u jekk inti ma topponix għall-eżekuzzjoni tal-fuq imsemmija kambjali fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali, permezz tal-prezentata ta' rikors fl-atti tal-preżenti att, din l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kontront tiegħek u għalhekk il-kreditu vantat mill-mittenti fil-konfront tiegħek ikun esegwibbli minnufih.

Minkejja li inti ġejt mitluba tħallas l-ammonti sureferiti lill-mittenti inti bqajt inadempjenti u għalhekk kellha tiġi adottata din il-proċedura kontra tiegħek.

Fin-nuqqas is-soċjetà mittenti ser tipproċedi ulterjorment kontra tiegħek mingħajr preavviż ieħor sabiex tinforza t-titolu eżekuttiv tagħha.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data tal-iskadenza tal-imsemmija kambjali sal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum is-17 ta' Lulju, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

exchange was due on the 29th February, 2020, and which sum has to date not been paid.

This judicial letter is being notified to you in accordance with Article 253(e) of Chapter 12 of the Laws of Malta and if you do not oppose the execution of the above bills of exchange within twenty (20) days from notification of the judicial letter by means of an application filed in the acts of the present judicial act, this judicial letter shall be rendered an executive title against you and therefore the credit being claimed by the Company shall become immediately executable.

Notwithstanding that you have been requested to pay the above bills of exchange you have nonetheless remained in default and therefore the Company had to resort to filing this judicial letter against you.

In default the Company shall be proceeding in terms of law without further notice in order to enforce its executive title.

With expenses and legal interest from the expiration of the bills of exchange until effective date of payment.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 17th July, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

893

Avviż mir-Reġistru Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)

Billi r-rikorrenti Jeremy Portelli (KI 100885 M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 95/20 AL) fejn talab il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tal-minuri Anastasia Nasser bin-numru 1285/2020 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 17 ta' Lulju, 2020

MARILYN BUGEJA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice Registry of the Civil Court (Family Section)

Whereas the plaintiff Jeremy Portelli (ID 100885M) filed an application under oath (No. 95/20 AL) demanding corrections in the Act of Birth of the minor Anastasia Nasser number 1285/2020 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court, this 17th July, 2020

MARILYN BUGEJA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Jannar, 2020, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Michela Angele Cardona vs BNF Bank plc, Rikors Numru 59/19 LM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-appellata Michela Angele Cardona, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Appell, fl-Appell 59/19, fil-kawża Numru 141/17, fl-ismijiet Michela Angele Cardona (KI 378084M) vs BNF Bank plc (C 41030) ġja Banif Bank (Malta) plc, deċiża mill-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fit-2 ta' Lulju, 2019, ir-rikorrenti BNF Bank plc espona bir-rispett:

1.1. Illi l-appellata intavolat proċeduri kontra l-Bank appellant quddiem l-Onorabbli Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji, sabiex titħallas lura mingħand il-Bank appellant l-ammont ta' tmien mija u tmienja u ħamsin ewro u erbatax-il ċenteżmu (€858.14) flimkien mal-imgħaxijiet minn meta dawn tħallsu lill-Bank.

1.2 Illi l-ammont ta' tmien mija u tmienja u ħamsin ewro u erbatax-il ċenteżmu (€858.14) jirrappreżenta processing fees, commitment fees u legal fees li tħallsu lill-Bank appellant mill-appellata inkonnessjoni ma' self li ġie mogħti lilha mill-Bank fuq talba tagħha.

… omissis …

1.4 Illi permezz ta' deċiżjoni datata 12 ta' Ġunju, 2019, l-Onorabbli Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji ddeċieda s-segwenti:

'Għal dawn ir-raġunijiet l-arbitru qed jilqa' l-ilment in parte u filwaqt li jiddeċiedi li l-Processing Fees u l-Legal Fees kienu ġusti u skont prattika bankarja aċċettata, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ il-Commitment Fee ma kinitx ġusta, ekwa u raġonevoli.

… omissis …

Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha.'

2. Il-fatti fil-qosor

2.1. Illi l-appellata Michela Angela Cardona kienet f'relazzjoni ma' terz li flimkien miegħu hija akkwistat proprjetà fl-Imsida.

2.3 Illi r-relazzjoni bejn l-appellata u dan it-terz spiċċat.

2.4 Illi l-appellata xtaqet takkwista s-sehem indiviż li

By means of a decree given by the Court of Appeal on the 23rd January, 2020, in the records of the Application in the names Michela Angele Cardona vs BNF Bank plc, Application Number 59/19 LM, the folowing publication was ordered for the purpose of service of the respondent Michela Angele Cardona, In terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Court of Appeal, in the Appeal 59/19, in the cause Number 141/17, in the names Michela Angele Cardona (ID 378084M) vs BNF Bank plc (C 41030) previously Banif Bank (Malta) plc, decided by the Arbitrator for Financial Services on the 2nd July, 2019, the applicant BNF Bank plc respectfully pleaded:

1.1. That the respondent filed procedures against the appellant Bank before the Honourable Arbitrator for Financial Services to ask to be repaid back from the appellant Bank the amount of eight hundred fifty-eight euro and fourteen cents (€858.14) together with interests from when these were paid to the Bank.

1.2 That the amount of eight hundred and fifty-eight euro and fourteen cents (€858.14) represents processing fees, commitment fees and legal fees which were paid to the appellant Bank by the respondent in connection with the loan given to her by the Bank following her request.

… omissis …

1.4 That by means of a decision dated 12th June, 2019, the Honourable Arbitrator for Financial Services decided the following:

'For these reasons the arbitrator is upholding the complaint in part and whilst deciding that the Processing Fees and Legal Fees were just and according to accepted banking practices, in the particular circumstances of this case the Commitment Fee was not just, equitable and reasonable.

… omissis …

In the circumstances of this case every party is to pay its costs.'

2. The facts in brief

2.2 That the respondent Michela Angela Cardona was in a relationship with a third party together with whom she acquired property in Msida.

2.3 That the relationship between the respondent and this third party finished.

2.4 That the respondent wished to acquire the undivided

kellu t-terz tal-proprjetà inkwistjoni sabiex b'hekk tiġi s-sid uniku ta' din il-proprjetà.

2.8 Illi sabiex il-Bank ikun f'pożizzjoni li jinformaha jekk kinitx eliġibbli li tieħu self mingħandu, l-appellata kienet ġiet mitluba sabiex tipproduċi numru ta' dokumenti.

2.14 Illi eventwalment il-loan ġiet utilizzata mill-appellata fi Frar 2012.

2.16 Illi llum il-ġurnata l-appellata qiegħda taġixxi bi ksur tal-kundizzjonijiet tas-sanction letter relattiva.

3. L-aggravji

3.1. Illi l-Bank appellant ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Arbitru tas-Servizzi Finanzjarji tat-12 ta' Ġunju, 2019, tal-kawża de quo.

3.2. Illi l-aggravju prinċipali tal-bank appellant huwa rigward ir-rifużjoni tal-commitment fee hekk ordnata mill-arbitru.

3.9 Illi l-commitment fee, kif jimplika l-isem tagħha stess, isservi bħala forma ta' garanzija li l-klijient verament se jagħmel użu minn din il-faċilità.

3.10. Illi l-Onorabbli Arbitru naqas milli japprezza li l-Bank ikollhom baġit ta' kemm se jsellfu u meta Bank jikkommetti ruħu li jsellef ammont lil xi ħadd, dan se jtellef l-opportunità lill-Bank milli jsellef dan l-istess ammont lil ħaddieħor.

3.14 Illi l-fatt li l-Onorabbli Arbitru naqas milli japprezza din il-prassi bankarja u injora l-fatt li b'xi mod il-Bank ried forma ta' garanzija li l-faċilità f'xi ħin jew ieħor se tiġi utilizzata jista' jwassal biex jinħoloq preċedent inġust u perikoluż fuq il-banek kollha għal dawk il-każijiet fejn bank ikun ikkommetta ruħu li jagħti faċilità bankarja u b'hekk il-bank jispiċċa ma jkun intitolat għal ebda kumpens talli jitlef l-opportunità li jsellef dan l-ammont lil ħaddieħor.

3.16 Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Onorabbli Arbitru naqas ukoll milli jieħu inkunsiderazzjoni dak maqbul bejn il-partijiet.

3.22 Illi l-appellata ġiet informata mill-Manager tal-Bank appellant li hija kienet ser tipprova tirriduċi l-commitment fee billi tottjeni l-awtorizzazzjoni neċesarja mis-superjuri tagħha.

3.1 Illi flok stenniet ir-risposta tal-Bank, l-appellata għaddiet biex iffirmat is-sanction letter bil-kundizzjonijiet kollha hekk indikati inkluż il-ħlas tal-commitment fee.

share that the third party had of the property in question and thus become the sole owner of this property.

2.8 That in order that the Bank be in a position to inform her whether she was eligible to take a loan from it, the respondent had been asked to produce a number of documents.

2.14 That eventually the loan was utilised by the respondent in February 2012.

2.16 That today the respondent is acting in violation of the conditions of the relative sanction letter.

3. The grievances

3.1. That the appellant Bank felt aggrieved by the decision given by the Honourable Arbitrator for Financial Services, of the 12th June, 2019, of the lawsuit de quo.

3.2 That the principal grievance of the appellant bank is regarding the refund of the commitment fee ordered by the arbitrator.

3.9 That the commitment fee, as the name implies, serves as a form of guarantee that the client shall truly use this facility.

3.10 That the Honourable Arbitrator failed to appreciate that a Bank has a budget of how much they shall give on loan and when a Bank commits itself to give a loan to someone this shall keep back the Bank from giving on loan this same amount to someone else.

3.14 That the fact that the Honourable Arbitrator failed to appreciate this banking practice, and ignored the fact that the Bank wanted a form of guarantee that the facility any one time or another shall be utilised, can bring about the creation of an unjust and dangerous precedent on all the banks for those cases where the bank has committed itself to give banking facility and thus the bank shall end up not being entitled for any compensation for losing the opporetunity to given on loan this amount to somebody else.

3.16 That without prejuduce to the above, the Honourable Arbitrator failed also to take into consideration that agreed between the parties.

3.22 That the respondent was informed by the Manager of the appellant Bank that she was going to try to reduce the commitment fee by obtaining the necessary authorisation from her superiors.

3.1 That instead of awaiting the reply of the Bank, the respondent passed to sign the sanction letter with all the conditions thus indicated including the payment of the commitment fee.

3.25 Illi tant l-appellata hija a konoxxenza ta' dan, li iffirmat li għadha sal-lum (aktar minn seba' snin) klijienta mal-bank u għadha tħallas il-loan in kwistjoni.

4. It-talba

1.1.Għaldaqstant, premess is-suespost u filwaqt li jagħmel referenza għall-provi kollha prodotti u produċibbli f'dan l-istadju ta' Appell, il-Bank appellant jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirriforma s-sentenza tal-Onorabbli Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji datata 12 ta' Ġunju, 2019, b'tali kod li tiċħad it-talbiet tal-appellata kollha u tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-Bank appellant kif mitlub f'dan ir-rikors tal-appell.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

Notifika appellata: 220, Artemis, Triq il-Kunċizzjoni, L-Imsida

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 17 ta' Lulju, 2020

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3.25 That the appellant was so much aware of what she signed that till this day (more than seven years later) she is a client of the bank and is still paying the loan in question.

4.The demand

1.1 Thus the above being premised and whilst referring to all the proof produced and producible at this stage of Appeal, the appellant Bank respectfully prays this Honourable Court to reform the judgement of the Honourable Arbitrator for Financial Services, dated 12th June, 2019, in such a manner as to reject all the demands of the respondent and uphold all the pleas of the appellant Bank as demanded in this appeal application.

With costs of both instances against the respondent.

Notify respondent: 220, Artemis, Triq il-Kunċizzjoni, Msida

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 17th July, 2020

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

895

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-11 ta' Mejju, 2020, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1424/2019, fl-ismijiet Vanessa Vassallo vs Mauro Anastasi ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Mauro Anastasi a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum it-30 ta' Lulju, 2019

Lil Mauro Anastasi ta' 148, Roseville, Triq Santa Katerina, L-Imqabba

Permezz tal-preżenti Vanessa Vassallo (KI 551676M) ta' 501, Mulino Flat, fi Triq Matteolo Saliba, Iż-Żurrieq, filwaqt illi fl-ewwel lok tagħmel referenza għall-ittra uffiċjali enumerata 1300/19 lilha mibgħuta minnek, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi tirrespinġi l-pretensjonijiet tiegħek kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi fit-tieni lok il-mittenti qiegħda permezz ta' din l-ittra uffiċjali tiddikjara illi l-pretensjonijiet tiegħek huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante l-fatt illi f'Ottubru tas-sena 2017 bil-kunsens tiegħek il-mittenti flimkien ma' wliedha kollha minuri ngħataw il-permess illi jibqgħu jirrisjedu ġewwa l-fond għal disa' xhur u dan sakemm isibu

By means of a decree of the 11th May, 2020, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 1424/2020 in the names Vanessa Vassallo vs Mauro Anastasi, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mauro Anastasi in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 30th July, 2019

To Mauro Anastasi of 148, Roseville, Triq Santa Katerina, Mqabba

By the present, Vanessa Vassallo (KI 551676M) of 501, Mulino Flat, Triq Matteolo Saliba, Żurrieq whilst in the first instance makes reference to the judicial letter numbered 1300/19 sent by you, for all the effects and purposes of law refutes all your pretensions as unfounded in fact and at law.

Secondly, the interpellant by means of this judicial letter declares that your claims are unfounded in fact and at law because of the fact that in October 2017, with your consent, the interpellant together with all her minor children had the permission to reside in the premises for nine months till they find alternative premises where to reside when you decided

post alternattiv fejn jirrisjedu hekk illi inti kont iddeċidejt illi tipproċedi b'separazzjoni fejn id-dar kienet għadha tal-komunjoni.

Illi fit-tielet lok tajjeb illi jiġi osservat minnek illi qabel ma l-mittenti ħarġet mid-dar matrimonjali u qabel ma ġew skambjati ċ-ċwievet tal-istess fond maċ-ċekk ta' €50,000 inti dort l-irkejjen kollha tal-istess fond u ddikjarajt illi ma hemmx pendenzi ulterjuri jew xi danni li jridu jitħallsu liema dikjarazzjoni saret fil-preżenza tal-avukati difensuri tal-partijiet u ċjoè l-Av. Marita Tabone kif ukoll l-Av. Kenneth Grima u għaldaqstant ma tistax tiġi issa tiddikjara illi hemm xi pendenzi wara tale dikjarazzjoni.

Għaldaqstant, in vista tal-premess, il-mittenti tinterpellak sabiex tiddesisti milli tkompli timmolestaha u ddejjaqha permezz ta' ittri bħal dawn stante illi l-ebda ammont ma hu dovut lilek filwaqt illi tfakkrek illi ser iżżommok responsabbli għal kull dannu illi hija qed isofri jew għad issofri fil-futur.

Tant sabiex tagħraf timxi u tirregola ruħek skont il-liġi.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum is-17 ta' Lulju, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Thirdly, it is well observed by you that when the interpellant left the matrimonial home and before the keys of the same premises and a cheque of 50,000 euro were given to you, you went around every corner of the same premises and declared that there are no further claims or damages that have to be paid which declaration was made before the lawyers of the parties and that is Advocate Marita Tabone and also Advocate Kenneth Grima and thus you cannot come now and declare that there are some claims after having made such declaration.

Thus, in view of the above, the interpellant solicits you to stop molesting and bothering her by means of such letters and this because no amount is due to you whilst she reminds you that she will keep you responsible for any damages that she may suffer or may suffer in the future.

So much so you may know how to proceed and to regulate yourself according to law.

With costs.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 17th July, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

896

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja fil-5 ta' Frar, 2020, Rikors Numru 172/2020 minn Nancy Caruana, fejn insegwitu tar-rikors Ersilia Zammit, imwielda fit-12 ta' Novembru, 1925, residenti fir-residenza Saint Vincent de Paule u li għandha karta tal-identità bin-numru 685725M, ġiet interdetta mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Mejju, 2020.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 17 ta' Lulju, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 5th February, 2020, Application number 172/2020 by Nancy Caruana, whereby following the application Ersilia Zammit, born on the 12th November, 1925, residing at Saint Vincent de Paule, holding identity card number 685725M, was interdicted from all the acts of the civil life by means of a decree given on the 29th May, 2020.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 17th July, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

897

Permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Lulju, 2020, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1646/2020, fl-ismijiet Martin Baron vs Glen Gauci et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti

By means of a decree of the 16th July, 2020, in the records of the judicial letter number 1646/2020, in the names Martin Baron vs Glen Gauci et, the First Hall of the Civil

pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Glen Gauci a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 22 ta' Ġunju, 2020

Lil

1. Glen Gauci ta' 37, Flat 6, Triq Dun Nerik Cordina Perez, Il-Ħamrun
2. Jodie Bruno

Permezz ta' ittra uffiċjali Martin Baron (KI 234859M) ta' 21, Drasagan, Triq iż-Żarżarell, Ħaż-Żabbar, fl-ewwel lok, jagħmel referenza għall-iskrittura tal-15 ta' Frar, 2020, li permezz tagħha ntrabattu li tixtru u takkwistaw l-appartament mingħajr l-arja relattiva tiegħu, internament immarkat bin-numru 5, li jinsab fit-third floor level u qiegħed fuq in-naħa tax-xellug meta wieħed iħares lejn il-blokk mill-faċċata sovrapost proprjetà ta' terzi, formanti parti minn korp ta' bini bin-numru uffiċjali 108 u bl-isem Barons Court fi Triq l-Imriekeb, Marsaskala. Inkluż mal-appartament hemm sehem indiviż tal-partijiet komuni tal-blokk esklużil-bejt u dan kif deskritt aħjar fl-iskrittura sovraindikata.

Fit-tieni lok dan il-konvenju skada fid-29 ta' Mejju, 2020, iżda liema terminu llum estiż in vista ta' COVID 19, u għalhekk huwa jinterpellakom sabiex taddivjenu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment definittiv.

Fin-nuqqas, huwa se jipproċedi ulterjorment kontra tagħkom u dan sabiex jigi ppubblikat il-kuntratt definittiv u dan ai termini tal-artikolu 1357(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant sabiex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Lulju, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Courts ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Glen Gauci in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 22nd June, 2020

To

1. Glen Gauci of 37, Flat 6, Triq Dun Nerik Cordina Perez, Ħamrun
2. Jodie Bruno

By means of a judicial letter Martin Baron (ID 234859M) of 21, Darsagan, Triq iż-Żarżarell, Ħaż-Żabbar, in the first instance, refers to the agreement of the 15th February, 2020, by means of which you agreed to buy and acquire the apartment without its relative airspace, internally marked as number 5 which is found on the third floor level and is on the left hand side when one faces the facade of the block, underlying third party property forming part of a block of apartments with official number 108, with the name Barons Court, found in Triq l-Imriekeb Marsaskala. Included with the apartment there is the divided share of the common parts of the block excluding the roof and this as described in the agreement abovementioned.

In the second instance this promise of sale expired on the 29th May, but the time was extended due to the COVID 19, and so he is soliciting you to come forward for the definitive publication of the deed of sale.

In default, he is going the proceed further against you and this so that the final deed of sale is published in terms of article 1357(2) of Cap. 16 of the Laws of Malta.

So much for your own guidance and to regulate yourselves.

With costs.

Registry of the Superior Courts, today 20th July, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

898

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja fit-3 ta' Mejju, 2019, Rikors Numru 758/2019, minn Nataline Spiteri et, fejn insegwitu tar-rikors Mary Gatt, mart il-mejjet Joseph Gatt, bint il-mejtin Lawrence Micallef u Theresa née Vassallo, imwielda l-Kalkara u residenti ġewwa Residenza

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section on the 3rd May, 2019, Application number 758/2019 by Nataline Spiteri et, whereby following the application Mary Gatt, wife of the late Joseph Gatt, daughter of the late Lawrence Micallef and Theresa née Vassallo, born in Kalkara and residing in Residenza San

San Ġużepp, 7, Triq il-Kuluvert k/m Triq il-Venewwa, Il-Fgura u li għandha l-Karta tal-Identità bin-numru 616237M, ġiet interdetta mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Ottubru, 2019.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 20 ta' Lulju, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Ġużepp, 7, Triq il-Kuluvert c/w Triq il-Venewwa, Fgura and holding identity card number 616237M, was interdicted from all the acts of civil life by means of a decree given on the 22nd October, 2019.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 20th July, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

899

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja fit-2 ta' Ottubru, 2019, Rikors Numru 1734/2019 minn Emanuel Agius, fejn insegwitu tar-rikors Ġużeppa magħrufa bħala Josephine Agius, mart Emanuel Agius, bint il-mejtin Philip Mifsud u Antonia née Vassallo, imwielda Ħaż-Żebbuġ, Malta fit-18 ta' Ottubru, 1938, u residenti San Vinċenz de Paule, Ħal Luqa, Malta, ta' 81 sena, u li għandha karta tal-identità bin-numru 730838M, ġiet interdetta mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Novembru, 2019.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 17 ta' Lulju, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section on the 2nd October, 2019, Application number 1734/2019 by Emanuel Agius, whereby following the application Ġużeppa known as Josephine Agius, wife of Emanuel Agius, daughter of the late Philip Mifsud and Antonia née Vassallo, born in Ħaż-Żebbuġ, Malta on the 18th October, 1939, and residing at Saint Vincent de Paule, Ħal Luqa, Malta, aged 81, and holding identity card number 730838M, was interdicted from all the acts of civil life by means of a decree given on the 26th November, 2019.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 17th July, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

900

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja fil-11 ta' Marzu, 2020, Rikors Numru 371/2020, minn Vincent Agius et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Adelina armla ta' John Agius, omm id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Vincent u Anthony magħruf bħala Ian, aħwa Agius, ħut id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' John Vincent Agius, ġuvni, bin il-mejjet John Agius u Adelina née Micallef, imwieled l-Imsida, Malta u kien joqgħod il-Gżira u miet il-Gżira, Malta fis-7 ta' Settembru, 2019, ta' 61 sena, u li kellu l-karta tal-identità bin-numru 0264058M.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-Avviżi skont il-liġi.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section on the 11th March, 2020, Application number 371/2020 by Vincent Agius et, whereby they requested that it will be declared open in favour of Adelina widow of John Agius, mother of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Vincent and Anthony known as Ian brothers Agius, brothers of the decujus in equal shares between them the succession of John Vincent Agius, bachelor son of he lae John Agius and Adelina née Micallef, born in Msida, Malta, resided in Gżira and died in Gżira, Malta on the 7th September, 2019, aged 61, and who held identity card number 0264058M.

Wherefore any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 17 ta' Lulju, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 17th July, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

901

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja fis-6 ta' Marzu, 2020, Rikors Numru 337/2020, minn Grace Gerada et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Grace Gerada, Frances Agius u Dolores Galea ħut id-decujus fi kwota ta' terz (1/3) indiviż kull waħda minnhom is-suċċessjoni ta' oħthom Maria Assunta Agius, xebba, bint il-mejtin Gio Maria Agius u Paola Agius nee Galea, imwielda San Pawl il-Baħar u kienet residenti San Pawl il-Baħar u mietet Tal-Qroqq, l-Imsida, Malta fil-11 ta' Jannar, 2019, ta' 63 sena, u li kellha karta tal-identità bin-numru 575655M.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Registru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 17 ta' Lulju, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section on the 6th June, 2020, Application number 337/2020 by Grace Gerada et, whereby they requested that it will be declared open in favour of Grace Gerada, Frances Agius and Dolores Galea sisters of the decujus in the quota of one third (1/3) undivided share each one of them the succession of their sister Maria Assunta Agius, unmarried, daughter of the late Gio Maria Agius and Paola Agius nee Galea, born in Saint Paul's Bay and resided in Saint Paul's Bay and died in Tal-Qroqq, Msida, Malta on the 11th January, 2019, aged 63, and who held identity card number 575655M.

Wherefore any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 17th July, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

902

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja fit-12 ta' Ġunju, 2020, Rikors Numru 585/2020, minn Josephine Aquilina, fejn insegwitu tar-rikors Vincent Bartolo, ġuvni, iben il-mejtin John Bartolo u Josephine Bartolo nee Mallia, imwieled San Ġiljan fl-10 ta' Mejju, 1956, u residenti Casa San Paolo ta' 170, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar, ta' 64 sena, u li għandha karta tal-identità bin-numru 327156M, ġie interdett mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Ġunju, 2020.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section on the 12th June, 2020, Application number 585/2020 by Josephine Aquilina, whereby following the application Vincent Bartolo, bachelor, son of the late John Bartolo and Josephine Bartolo nee Mallia, born in San Ġiljan on the 10th May, 1956, and residing at Casa San Paolo of 170, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar, aged 64, and holding identity card number 327156M, was interdicted from all the acts of civil life by means of a decree given on the 18th June, 2020.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Illum 17 ta' Lulju, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 17th July, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

903

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-24 ta' Ġunju, 2020, fuq talba tal-Avukat Dr Carlo Bisazza noe ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà estera Amerikana Karsh Industries LLC, fl-atti tar-Rikors numru 437/2020FDP, fl-ismijiet l-Avukat Dr Carlo Bisazza noe vs kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Ġunju, 2020, fl-ismijiet l-Avukat Dr Carlo Bisazza kif debitament awtorizzat jidher għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Velocity Ventures Limited (C 85204) vs kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw is-soċjetà estera Amerikana (File No. L17000104168) Karsh Industries LLC, is-soċjetà Velocity Ventures Limited tesponi bir-rispett u l-Avukat Carlo Bisazza (KI 219873M) debitament awtorizzat jidher għan-nom u in rappreżentenza tas-soċjetà rikorrenti, jikkonferma bil-ġurament tiegħu:

1. Illi s-soċjetà rikorrenti ġiet kuntrattata da parti tas-soċjetà intimata sabiex tissupplixxi servizzi ta' online sales u advertising kif jirriżulta mill-anness kuntratt iffirmat bejn il-partijiet u datat is-16 ta' Awwissu, 2019, immarkat bħala Dok. CB1;

2. Illi ai termini tal-istess kuntratt bħala ħlas għas-servizzi mogħtija s-soċjetà attriċi kellha tirċievi persentagg, senjatament 5% mid-dħul gross ġenerat mill-attività online tas-soċjetà intimata. Illi ai finijiet ta' trasparenza s-soċjetà attriċi kellha aċċess dirett għad-dħul ġenerat da parti tas-soċjetà intimata permezz tal-programm Google Analytics;

3. Illi mill-fatturi li jkopru l-perjodu mis-7 ta' Ottubru sat-30 ta' Diċembru, 2019, il-bilanċ dovut għal servizzi u spejjeż huwa ta' USD41,078.91 ekwivalenti għal €36,389.96, kif jirriżulta mill-annessi fatturi mmarkati Dok. CB2(A-E);

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 24th June, 2020, following a request of Advocate Dr Carlo Bisazza noe it was ordered that deputy curators be chosen to represent the foreign American company Karsh Industries LLC in the records of the Application number 437/2020FDP, in the names Advocate Dr Carlo Bisazza noe vs deputy curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court in the names Advocate Dr Carlo Bisazza as duly authorised for and on behalf of the company Velocity Ventures Limited (C 85204) vs deputy curators to represent the foreign American company (File No. L17000104168) Karsh Industries LLD, filed on the 16th June, 2020, Velocity Ventures Limited respectfully submits and Advocate Carlo Bisazza (ID 219873M) duly authorised for and on behalf of the applicant company confirms the following:

1. That the applicant company has been engaged by the respondent company to provide online sales and advertising services as as results from the attached contract signed between the parties and dated 16th August, 2019, marked as Doc. CB1;

2. That in terms of the same contract as payment for the services rendered to the applicant company it had to receive a percentage, that is of 5% from the total amount generated from the online activity of the respondent company. That for the purposes of transparency the applicant company had direct access to the income generated on the part of the respondent company by means of the programm Google Analytics;

3. From the invoices that cover the period from the 7th October till the 30th December, 2019, the balance due for the services and costs is that of USD41,078.91 equivalent to €36,389.96 as results from the attached invoices marked as Doc. CB2(A-E);

4. Illi minkejja interpellata sabiex tħallas l-ammont minnha dovut permezz ta' ittra legali datata 6 ta' April, 2020, u minkejja diversi wegħdiet ta' ħlas da parti tas-soċjetà intimata, tal-aħħar baqgħet inadempjenti.

Tgħid għalhekk is-soċjetà konvenuta għaliex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsjasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, m'għandhiex taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fis-somma bilanċjali ta' USD41,078.91 ekwivalenti għal €36,389.96 jew somma verjuri skont ir-rata tal-kambju viġenti, rappreżentanti pagamenti/commissions u spejjeż dovuti lis-soċjetà rikorrenti mis-7 ta' Ottubru, sat-30 ta' Diċembru, 2019;

2. Tordna u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' USD41,078.91 ekwivalenti għal €36,389.96 jew somma verjuri skont ir-rata tal-kambju viġenti, kollox kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali dekorribbli sal-jum tal-effettiv pagament kontra s-soċjetà konvenuta li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.

Rikorrenti: 62/4, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 24 ta' Ġunju,2020

4. Notwithstanding that the respondent has been solicited to pay the amount due by means of a legal letter dated 6th April, 2020, and notwithstanding several promises that payment will be made by the respondent company, the latter remained in default.

The respondent company is to therefore state why this Honourable Court, subject to any necessary and opportune declarations, should not:

1. Declare that the respondent company is a debtor of the applicant company for the balance amount of USD41,078.91 equivalent to €36,389.96 or any other amount according to the rate of exchange representing the payments/commissions and costs due to the applicant company from the 7th October till the 30th December, 2019;

2. Order and condemn the respondent company to pay the applicant company the amount of USD41,078.91 equivalent to €36,389.96 or other amount according the the rate of exchange, as above stated and for the reasons premised.

With costs and legal interest accrued till the date of effective payment against the respondent company who is from now summoned so that a reference to its oath be made.

Applicant: 62/, Triq l-Ifran, Valletta

Notification: Deputaty curators

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in th execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, abovementioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Lawrence Mintoff LLD, Doctor of Laws.

Today 24th June, 2020

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Lulju, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 17th July, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

904

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja fit-22 ta' Ġunju, 2020, Rikors Numru 631/2020, minn Joseph Mifsud fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur David Falzon, ħu d-decujus fi kwota ta' sesta (1/6) parti indiviża; u favur Joseph Mifsud, Michael Mifsud u Salvatore Mifsud ulied il-mejta Annunziata Mifsud din tal-aħħar oħt id-decujus fi kwota ta' parti waħda minn tmintax (1/18) indiviża kull wieħed minnhom; u favur Rosemarie Jennifer Antonini, Monica Helen West, Josephine Sparks, Lucia Blyth, George Brincat, ulied il-mejta Georgina DeBrincat din tal-aħħar oħt id-decujus fi kwota ta' parti waħda minn sitta u tletin (1/36) kull wieħed u waħda minnhom; u favur Andrea Wild, Claudia Maria Ward u Tania Maria May ulied il-mejta Carmen Wild bint il-mejta Georgina DeBrincat din tal-aħħar oħt id-decujus fi kwota ta' parti waħda minn mija u tmien partijiet indiviżi (1/108) kull wieħed u favur John Christopher Falzon u David Joseph Falzon ulied il-mejjet Joe Falzon dan tal-aħħar ħu d-decujus fi kwota ta' parti waħda minn tnax (1/12) indiviża kull wieħed minnhom u favur Lewis Paul Falzon, Carmelo sive Charles Falzon u Maria Theresa Falzon ulied il-mejjet Anthony Falzon dan tal-aħħar ħu d-decujus fi kwota ta' parti waħda minn tmintax (1/18) indiviża kull wieħed u waħda minnhom u favur Josephine Falzon mart John Falzon dan tal-aħħar ħu d-decujus fi kwota ta' sest (1/6) indiviż is-suċċessjoni ta' Lorenza Maria Falzon, xebba, bint il-mejtin Saviour Falzon u Rose nee Scerri, imwielda Ħal Qormi, Malta, kienet residenti r-Renju Unit u mietet f'Barnet, ir-Renju Unit, fil-21 ta' Ġunju, 2016, ta' 95 sena.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section on the 22nd June, 2020, Application number 631/2020 by Joseph Mifsud whereby he requested that it will be declared open in favour of David Falzon, brother of the decujus in the quota of one sixth (1/6) undivided share; in favour of Joseph Mifsud, Michael Mifsud and Salvatore Mifsud children of the late Annunziata Mifsud the latter sister of the decujus in the quota of one part of eighteen (1/18) undivided share each one of them; in favour of Rosemarie Jennifer Antonini, Monica Helen West, Josephine Sparks, Lucia Blyth and George Brincat, children of the late Georgina DeBrincat the latter sister of the decujus in the quota of one part of thirty-six (1/36) each one of them; in favour of Andrea Wild, Claudia Maria Ward and Tania Maria May children of the late Carmen Wild the latter daughter of the late Georgina DeBrincat the latter sister of the decujus in the quota of one part of one hundred and eight (1/108) undivided shares each one of them; in favour of John Christopher Falzon and David Joseph Falzon children of the late Joe Falzon the latter brother of the decujus in the quota of one part of twelve (1/12) undivided shares each one of them; in favour of Lewis Paul Falzon, Carmelo sive Charles Falzon and Maria Theresa Falzon children of the late Anthony Falzon the latter brother of the decujus in the quota of one part of eighteen (1/18) undivided shares each one of them and in favour of Josephine Falzon wife of John Falzon the latter brother of the decujus in the quota of one sixth (1/6) undivided share the succession of Lorenza Maria Falzon, unmarried, daughter of the late Saviour Falzon and Rose nee Scerri, born in Ħal Qormi, Malta, resided in United Kingdom and died in Barnet, United Kingdom on the 21st June, 2016, aged 95.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Wherefore any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja
Illum 17 ta' Lulju, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 17th July, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603